**26 ta' April, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons), LL. D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Victor Chetcuti

*versus*

Onor. Prim Ministru *et*

**Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem - Smigħ Xieraq - Sentenza - Differiment għas- - Appell**

*Ir-rikorrent ilmenta li ma kienx ġie mogħti smigħ xieraq f'kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Il-fatti li taw lok għal dan l-ilment kienu s-segwenti: il-Qorti ta' l-Appell kienet iddifferiet il-kawża għas-sentenza fuq eċċezzjoni ssollevta mill-konvenut; meta l-Qorti għaddiet għas-sentenza ddeċidiet mhux biss dik l-eċċezzjoni imma l-meritu kollu. Ir-rikorrent ilmenta li b'dan il-mod ġie pprivat mid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet u jittratta l-meritu tal-kawża. Il-Prim'Awla*

*tal-Qorti Ċivili sabet li l-ilment kien fondat u annullat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-fatt li l-Qorti kienet iddeċidiet il-meritu meta l-partijiet kienu biss ittrattaw l-eċċezzjoni waslet għal sitwazzjoni fejn dawn ġew miċħuda mid-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza fuq rikors kostituzzjonali li bih ir-rikorrent qed jallega ksur tad-dritt fondamentali tiegħu ta' smigħ xieraq protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Is-sentenza taqra hekk:

"Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Victor Chetcuti li bih, wara li espona bir-rispett:

Illi huwa kien attur fil-kawża quddiem il-Qorti Kummerċjali fl-ismijiet **Victor Chetcuti** *vs* **Joseph Farrugia**, li fiha l-konvenut għamel kontro-talba għall-iżgumbrament tiegħu mill-ħanut Diver's Cave, Islets Promenade, Buġibba, San Pawl il-Baħar;

Illi din il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti Kummerċjali fil-5 ta' Ottubru, 1990 li ordnat l-iżgumbrament tiegħu mill-imsemmi ħanut;

Illi huwa appella minn dik is-sentenza u fost aggravji għall-appell, huwa qajjem l-eċċezzjonijiet ta' l-inkompetenza tal-Qorti Kummerċjali stante li, f'każ ta' rilokazzjoni, huwa l-Bord tal-Kera

u mhux il-Qorti Kummerċjali t-Tribunal kompetenti;

Illi quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell saru mill-kontendenti sottomissjonijiet esklussivament fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti Kummerċjali. Il-kawża ġiet differita għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni;

*Illi,* b'*sorpriża kbira għalih,* l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, bis-sentenza tagħha tas-27 ta' April, 1993, flok iddeċidiet biss il-kwistjoni ta' l-inkompetenza, kif miftiehem mal-kontendenti, ddeċidiet il-kwistjonijiet kollha tal-meritu, ċaħdet l-appell tiegħu u *ordnat l-iżgumbrament tiegħu min-negozju tiegħu mingħajr ma qatt* tagħtu l-opportunita` li jesponi l-każ u r-raġunijiet tiegħu;

Illi dawn il-fatti jikkostitwixxu każ manifest ta' ksur tad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq, protett mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Talab, għaldaqstant li din il-Qorti jogħġobha tagħtih ir-rimedji kollha li jidhrilha xierqa biex jitwettqu d-drittijiet fondamentali tiegħu, fosthom billi tiddikjara l-imsemmija sentenza mogħtija fid-29 ta' April, 1993 mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell bħala nulla minħabba li kisret id-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti protetti mill-imsemmija artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tiskwalifika lill-Onorevoli Mħallfin li taw dik is-sentenza milli jieħdu aktar konjizzjoni ta' dina l-kawża;

Bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimat l-Onor. Prim Ministru li biha espona

bir-rispett:

Illi nonostante t-tentattivi tiegħu sabiex jipprova jirrintraċċja l-proċess tal-kawża fil-Qorti ta' l-Appell li għaliha hemm referenza fir-rikors promotorju tal-ġudizzju sabiex l-esponenti jkun jista' jieħu konjizzjoni ta' l-atti ta' dik il-kawża l-proċess imsemmi baqa' ma nstabx mill-uffiċjali tal-Qorti u, għalhekk huwa ma jistax jikkummenta fuq dak li allegatament ġara fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell iżda jirriserva li jagħmel dan meta l-proċess relattiv jinstab u huwa jkollu l-opportunita` jeżaminah;

Illi, fi kwalunkwe każ, anke jekk dak allegat mir-rikorrent jiġi eventwalment ippruvat ir-rikorrent dejjem għad baqagħlu għad-disposizzjoni tiegħu r-rimedju ordinarju ta' ritrattazzjoni. Peress li dan ir-rimedju hu parti integrali mill-miżuri għad-disposizzjoni tal-partijiet fi proċess biex jassiguraw li jingħataw smigħ xieraq, *ma* jistax jingħad li ġie leż id-dritt għal smigħ xieraq qabel ma jiġi eżawrit dak ir-rimedju. Dan apparti li, fi kwalunkwe każ, għandu dejjem qabel xejn jiġi eżawrit kull rimedju ordinarju qabel ma xi parti tirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali;

Illi, inoltre, l-Qorti ċertament ma tistax tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex "tiskwalifika lil-Onorevoli Mħallfin li taw dik is-sentenza milli jieħdu aktar konjizzjoni" ta' dik il-kawża. Il-"kwalifiki" ta' Mħallef huma stabbiliti mill-Kostituzzjoni fl-artikolu 96 (1) u Mħallef jista' jiġi "skwalifikat" biss bil-manjiera stabbilita mill-istess Kostituzzjoni fl-artikolu 97 (2);

Jekk bi "skwalifika" r-rikorrenti jridu jifhmu "tirrikuża" ċertament mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li toqgħod tirrikuża lil xi Mħallef jew ieħor. L-istitut tar-rikuża ta' Mħallef hu rregolat

bil-liġi ordinarja fl-artikoli 733-739 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dan hu r-rimedju ordinarju disponibbli għar-rikorrenti minn issa stess fl-eventwalita` ta' kwalunkwe proċeduri intiżi biex jinfiċċjaw is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li għaliha jirreferi r-rikorrent. Għal din ir-raġuni ukoll, din l-Onorabbli Qorti għandha ta' l-anqas tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba; u tirriserva li tagħmel sottomissjonijiet ulterjuri wara li, kif ingħad, ikollu l-opportunita` jeżamina l-atti tal-proċess li ġie deċiż bis-sentenza msemmija fir-rikors;

Rat ir-risposta ta' l-intimat Farrugia li biha espona bir-rispett:

Illi, in kwantu jirrigwarda lilu, il-ġudizzju huwa *res judicata*;

Illi stante li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza ma hemmx vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq;

Illi, fi kwalsiasi każ, huwa m'għandux ibati l-ispejjeż ta' dina l-proċedura billi l-inċident in kwistjoni ma ġiex ipprovokat minnu;

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 1994 li bih ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem l-Avukat Dottor Joselle Farrugia, il-Perit Arkitett Martin Farrugia, id-Dentista Simon Farrugia u Gordon Farrugia sabiex ikomplu l-kawża minflok l-intimat Joseph Farrugia, li miet fil-mori tar-rikors;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti (fol. 32);

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-intimat Farrugia (fol.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Semgħet it-*trattazzjoni* ta' l-Avukati;

Ikkunsidrat:

Li r-rikorrenti, fl-att promotorju tar-rikors tiegħu, qiegħed jallega li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, bis-sentenza tagħha tas-27 ta' April, 1993 fil-kawża fl-ismijiet **Victor Chetcuti** ***vs*** **Joseph Farrugia** rendiet ruħha ħatja ta' ksur tad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Dan l-allegat ksur, skond ir-rikorrenti, sar f'dawn iċ-ċirkostanzi: ir-rikorrenti kien intavola kawża kontra l-intimat Farrugia quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u dan ipprevalixxa ruħu minnha u għamel kontro-talba għall-iżgumbrament tiegħu mill-ħanut Diver's Cave, Islets Promenade, Buġibba; din l-istess kawża ġiet deċiża fil-5 ta' Ottubru, 1990 u r-rikorrenti ġie ordnat jiżgombra mill-ħanut imsemmi;

Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza u fost aggravji oħra qajjem l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ billi, f'każ ta' rilokazzjoni, kif kien dak in eżami, kien il-Bord tal-Kera li kien it-Tribunal kompetenti biex jieħu konjizzjoni tal-kawża u mhux il-Qorti ordinarja;

Ġara li, wara li saru sottomissjonijiet miż-żewġ naħat esklussivament dwar din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ, il-kawża ġiet imħollija għas-sentenza fuq din l-eċċezzjoni; iżda b'sorpriża kbira għar-rikorrenti l-Onorabbli Qorti

ta' l-Appell, minflok ma llimitat ruħha għall-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza, kif kien miftiehem mal-kontendenti, ddeċidiet il-kawża billi ġew minnha deċiżi l-kwistjonijiet kollha fil-meritu u hekk ċaħdet l-appell tiegħu u ordnatlu jiżgombra minn negozju tiegħu "mingħajr ma qatt tagħtu l-opportunita' li jesponi l-każ u r-raġunijiet tiegħu";

Ikkunsidrat:

*Li huwa risaput* li l-Liġi fl-artikolu 730 tal-Kap. 12 tispeċifika illi:

"L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' ... preskrizzjoni jew nullita' ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu";

F'każ li ġie għad-deċiżjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, wara li quddiem din il-Qorti kienet tqajjmet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u kien ġie sottomess li din l-eċċezzjoni għandha tiġi *investigata* qabel kull ħaġa oħra - sottomissjoni li kienet ġiet mičħuda b'digriet *appożitu* - l-istess Onorabbli Qorti esprimiet ruħha hekk: "Ma *teżisti ebda* direttiva proċedurali fis-sens li qiegħed jitlob l-appellant, fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Bħala regola, il-liġi tħalli l-konduzzjoni xierqa tat-trattazzjoni tal-kawża f'idejn il-prudenza u r-raġonevolezza tal-ġudikant li jkun qiegħed jippresjedi l-Qorti. Hemm imbagħad direttivi speċjali li jivvinkolaw lill-istess ġudikant ..." (is-sottlinear huwa ta' din il-Qorti). Wara li tikkwota l-artikolu tal-liġi preċitat, l-istess Qorti Kostituzzjonali tkompli biex tgħid li huwa manifest illi f'dan il-każ ta' din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, fost oħrajn, hija l-liġi stess li "timponi lill-ġudikant deċiżjoni ta' l-eċċezzjoni imma tikkonċedilu żewġ alternattivi rigward iż-żmien

meta dik id-deċiżjoni tista' tingħata (ara sentenza **Anthony Mifsud** *vs* **Superintendent Carmelo Bonello** *et* deċ. 26.10.1992);

Din il-Qorti, wara li eżaminat sewwa l-verbali ta' l-udjenzi quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma jibqagħlha ebda dubbju li l-intendiment ta' din l-Onorabbli Qorti kien ċar u univoku: dak ċjoe` li tinvesti l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza qabel is-sentenza fuq il-meritu. Infatti, ġa` mill-bidu nett din l-eċċezzjoni ġiet issollevata quddiemha, l-imsemmija Onorabbli Qorti vverbalizzat hekk:

"*L-attur appellant issolleva llum eċċezzjoni ta' inkompetenza* radikali ta' l-ewwel Qorti in kwantu l-istess kompetenza tallega li tappartjeni lill-Bord li Jirregola l-Kera u billi din l-eċċezzjoni *trid* tiġi ttrattata fl-ewwel lok, il-Qorti tiddiferixxi l-kawża għall-ewwel ta' April, 1973 fid-9.30 a.m. għat-trattazzjoni sħiħa fuq din l-eċċezzjoni";

Fl-udjenza ta' l-1 ta' April, 1993, imbagħad, ġie rreġistrat dan il-verbal:

"Dr. V. Falzon, in sostenn ta' l-eċċezzjoni tiegħu, jagħmel referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Kummerċjali) tal-11 ta' Mejju, 1992 fl-ismijiet **Edward Borg** *vs* **Edward Bartlett** *et*;

Dr. A. Vella għandu l-fakolta` li jagħmel nota ta' referenza ta' ġurisprudenza;

L-appell ġie ddifferit għad-29 ta' April, 1993 għas-sentenza";

Fil-fatt jirriżulta li Dr. Vella użufruwixxa mill-fakolta` lilu

mogħtija li jippreżenta nota ta' referenza għaliex huwa ppreżenta din in-nota fit-12 ta' April, 1993 u għamel referenza għas-sentenza ta' l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Josette Magro** *et vs* **Charles Saliba** deċiża fid-9 ta' Mejju, 1984;

Dawn ir-*res gestae* ta' l-udjenzi ma jistgħux jiġu interpretati xort'oħra ħlief li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet ivvinkolat ruħha li fid-29 ta' April, 1993 hija tkun iddeċidiet biss l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza u dan wara li għażlet l-alternattiva li tiddeċidiha qabel is-sentenza fuq il-meritu;

Għandu jingħad ukoll illi d-difensuri tal-partijiet, fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 1993 quddiem din il-Qorti, setgħu jaqblu "li fl-ebda waqt quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma ġew ittrattati l-aggravji ta' l-appell", kif ukoll "li l-unika trattazzjoni li saret quddiem l-istess Onorabbli Qorti kienet dik dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza mogħtija pendenti l-appell fl-1 ta' Frar, 1993";

Ikkunsidrat:

Stabbilit li d-difensur tar-rikorrenti baqa' ma ttrattax l-aggravji ta' l-appell tiegħu qabel ma ġiet emanata s-sentenza tad-29 ta' April, 1993 li ddeċidiet kemm l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza kif ukoll il-meritu, jibqa' li din il-Qorti tikkonsidra jekk b'daqshekk ġiex li kien hemm ksur tad-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq li kien jispetta lir-rikorrenti u li huwa protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni;

Qiegħed jingħad li dan id-dritt huwa protett mill-Konvenzjoni Ewropeja ukoll għaliex, għalkemm huwa veru li huwa llum paċifiku fl-Organi ta' Strasbourg li d-dritt fondamentali ta' smigħ xieraq ma

jinkludix id-dritt ta' Qorti ta' reviżjoni (appell/kassazzjoni), huwa ugwalment paċifiku, kif jissottometti r-rikorrenti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet *tiegħu*, li "*... a state which does institute such Courts (of appeal) is required to ensure that they afford to persons subject to their jurisdiction the fundamental guarantees of article 6* (**Delcourt Case** - 17 January, 1970)";

Dan id-dritt ta' smigħ xieraq, li huwa dritt fondamentali u inaljenabbli, iggarantit, kif ingħad, bil-provvedimenti ta' l-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma kienx meqjus applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Din il-posizzjoni legali, pero`, m'għandhiex daqshekk riġida u kostanti fil-ġurisprudenza tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja u anke l-Qorti Kostituzzjonali ta' Pajjiżna, fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri *vs* l-Onorevoli Prim Ministru *et*** deċiża fis-6 ta' April, 1995 iddeċidiet li ma tistax aprijoristikament teskludi s-sindakabilita` ta' l-operat tal-Qorti Kostituzzjonali *nnifisha fil-*kondotta tal-proċeduri quddiemha biex tiddetermina jekk dawn kinux konformi mad-dettami tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Kif sewwa jissottometti r-rikorrenti, il-kunċett ta' *fair hearing* neċessarjament għandu jimplika li jkun hemm *a hearing*. Dan il-prinċipju tant bażilari jinsab rifless fl-artikolu 207 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jippreskrivi li meta l-appell isir mill-attur biss (u f'dan il-każ kien ir-rikorrenti bħala attur li appella), jew miż-żewġ partijiet, l-ordni tas-smigħ tal-kawża huwa l-istess kif jingħad fl-artikolu 202 u ċjoe` l-attur għandu jfisser il-każ *tiegħu*, wara jwieġeb il-konvenut u tista' ssir replika u kontro-

replika;

Skond ma ġie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawża **Perit Joseph Mallia *vs* Onor. Prim Ministru *et*** deċiża fis-17 ta' Lulju, 1995: "Jidher minn dan l-artikolu tal-liġi li l-partijiet mhumiex limitati għal dak li jkun tniżżel *fiċ-ċitazzjoni jew fil-petizzjoni ta' l-appell* iżda li huma għandhom id-dritt li jagħmlu sottomissjonijiet verbali sabiex jespandu u jispjegaw aħjar u aktar fid-dettal l-argumenti minnhom imressqa fl-atti miktuba. Ir-rikorrenti proprju dwar il-ksur ta' dan id-dritt qed jilmenta u ma jiġġova xejn lill-intimati li jsostnu li l-argumenti tal-kontendenti kienu jifformaw parti mill-atti li ġew ippreżentati quddiem il-Qorti. Id-dritt tat-trattazzjoni jifforma parti integrali mill-proċediment ġudizzjarju u għalhekk l-assenza tiegħu, minħabba direttivi tal-Qorti, jammonta għal nuqqas ta' smigħ xieraq kemm-il darba tingħata sentenza fuq xi aggravju li ma jkunx ittrattat mid-difensuri fl-Awla";

Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dan u jidhrilha li għandha żżid li d-dritt għat-trattazzjoni orali dejjem kien rikonoxxut mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell. Xiehda lampanti ta' dan li qiegħed jingħad huwa l-fatt li meta kien jissuċċedi, għal xi raġuni jew oħra, li jkun hemm bidla fil-kompożizzjoni ta' l-istess Qorti u jinzerta li jkun hemm kawżi quddiemha għas-sentenza, id-difensuri dejjem ingħataw id-dritt li jerġgħu jittrattaw a benefiċċju ta' dak l-Imħallef jew Imħallfin li jkunu ħadu post ħaddieħor. Din it-trattazzjoni kienet u għadha kkunsidrata bħala obbligu u f'każ li xi Avukat ma jkunx irid jerġa' jittratta jiġi vverbalizzat fl-atti li rrinunzja għat-trattazzjoni ulterjuri;

Din il-Qorti, għalhekk, fuq l-iskorta tas-sentenza preċitata u anke fuq l-iskorta ta' tliet sentenzi oħra ta' din il-Qorti, waħda fl-

ismijiet **Joseph Bonnici** *vs* **l-Aġent Prim Ministru** (deċ. 10.08.90), l-oħra fl-ismijiet ***Paul Debono vs l-Aġent Prim* Ministru *et*** (deċ. 27.09.90) u finalment dik fl-ismijiet **Simon Brincat *vs* l-Onor. Prim Ministru *et*** (deċ. 31.08.90) - dawn it-tnejn ta' l-aħħar kienu ġew ikkonfermati mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru, 1990 u fil-11 ta' Diċembru, 1990 rispettivament - fejn ir-riżultanzi proċesswali kienu analogi ħafna għal dawk in eżami - ssib li l-imsemmija sentenza ta' l-Onrabbli Qorti ta' l-Appell;

Appell mogħti fid-29 ta' April, 1993 ingħatat bi ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti għas-smigħ xieraq kif protett mill-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja minħabba li huwa ma ġiex mogħti l-opportunita` li, permezz tad-difensur tiegħu, jittratta dwar l-aggravji ta' l-appell tiegħu qabel *ma ġiet emanata l-istess sentenza*;

L-intimat Farrugia ssottometta li ancorche` din il-Qorti ssib li kien hemm dan il-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' April, 1993 m'għandhiex tiġi annullata jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni li din kienet sentenza sostanzjalment ġusta;

Bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur ta' dan l-intimat, il-Qorti ma taqbilx li l-posizzjoni għandha tkun kif qiegħed jippretendi hu. Skond l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, kull persuna li tallega ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet minn 33 sa 45 (inklussivament) għandha dritt li tirrivolġi ruħha lejn din il-Qorti u titlob rimedju u din il-Qorti trid tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mill-imsemmijin disposizzjonijiet li għall-protezzjoni tagħhom *tkun intitolata dik* il-persuna;

Minn dan isegwi li kieku din il-Qorti kellha *teżamina* s-sentenza biex tara jekk hijiex sostanzjalment ġusta u *occorrendo* tikkonfermaha, hija tkun qiegħda tinbidel f'Qorti ta' reviżjoni ta' ġudikat ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell u tali funzjoni ma tista' tkun qatt konformi ma' l-Ordinament ġuridiku tagħna għaliex, waqt li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qiegħda biex tirrivedi l-ġudikati ta' Qorti ta' l-ewwel istanza, tkun ħaġa insensata kieku kien possibbli li Qorti ta' l-ewwel istanza tirrevedi sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi r-rikors billi tilqa' t-talba u, filwaqt li tiddikjara s-sentenza tad-29 ta' April, 1993 emanata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, nulla u bla effett minħabba l-ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrenti protett mill-imsemmijin artikoli tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropeja - dik ċjoe' tas-smigħ xieraq - tordna li s-smigħ ta' l-appell tar-rikorrenti mis-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990 jerġa' jsir mill-ġdid; b'dan pero' li f'dan ir-rimedju m'għandux jitqies li l-Qorti qiegħda "tiskwalifika" lill-Onorevoli Mħallfin li taw is-sentenza li qiegħda tiġi annulata billi m'hemm xejn x'jindika li l-lament tar-rikorrenti huwa mmirat lejhom, iżda pjuttost lejn żball li aktarx sar bi żvista minnhom u li issa qiegħed jiġi rrimedjat billi r-rikorrenti ser ikollu l-fakolta' li jagħmel it-trattazzjoni tiegħu fuq l-aggravji kollha minnu ssollevati wara s-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 1990;

L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

L-unika prova illi hi verament rilevanti għall-kweżit

kostituzzjonali hi dik li toħroġ mill-verbal tat-8 ta' Ottubru, 1993 a fol. 28 tal-proċess:

"Id-difensuri tal-partijiet jaqblu illi fl-ebda waqt quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ma ġew ittrattati l-aggravji ta' l-appell u jaqblu ukoll li l-unika trattazzjoni li saret quddiem l-istess Onorabbli Qorti kienet dik dwar l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza mogħtija pendenti l-appell fl-1 ta' Frar, 1993";

Jirriżulta ppruvat kif sewwa kkonstatat fis-sentenza appellata illi l-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tas-27 ta' April, 1993 meta ddeċidiet il-meritu kollu, iddeliberat u ddeċidiet oltre dak li ġie oralment ittrattat quddiemha u oltre dak li hi stess iddikjarat li kienet ser tiddeċiedi. Dana wara li kienet iddiriġiet lill-kontendenti li jillimitaw it-trattazzjoni tagħhom għall-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza ssollevata;

Il-meritu ta' dan ir-rikors kostituzzjonali hu tista' tgħid identiku *għal dak* tal-kawża **Perit Joseph Mallia *vs* Onor. Prim Ministru** *et* deċiża minn din il-Qorti kif ippresjeduta fil-15 ta' Marzu, 1996. F'dik il-kawża kienet il-Qorti Kostituzzjonali mhux il-Qorti ta' l-Appell li kienet idderiġiet lill-partijiet biex jittrattaw l-aggravji dwar in-nullita' ta' l-okkju tas-sentenza u hekk ġiet limitata t-trattazzjoni orali. Il-kawża kienet ġiet imbagħad iddifferita *mill-Qorti għas-sentenza fuq dak l-aggravju. Il-Qorti* Kostituzzjonali pero' spiċċat biex ippronunzjat is-sentenza u ddeterminat ukoll l-aggravji l-oħra fil-meritu li dwarhom kienet sa dak il-ħin eskludiet it-trattazzjoni. Din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Marzu, 1996 ikkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ddikjarat li kien hemm ksur ta' dritt fondamentali tas-smigħ xieraq *billi l-kawża kienet ġiet deċiża* mingħajr ma l-

parti kienet ġiet mogħtija l-opportunita' li tiddefendi ruħha;

Il-konsiderazzjonijiet kollha li din il-Qorti għamlet f'dik il-kawża japplikaw *mutatis mutandis* għal din il-kawża. Dan għaliex ukoll l-eċċezzjonijiet issollevati mill-intimati u l-argumentazzjoni dwarhom huma tista' tgħid identiċi. Il-Qorti tagħmel ampja referenza għalihom għaliex jirrispondu għall-kweżiti mqanqla fil-petizzjoni ta' l-appellant. Mhux meħtieġ li jiġu hawn riprodotti, imma biex il-Qorti tissodisfa l-vot tal-liġi li *timmotiva* din is-sentenza ser tiċċita s-segwenti konsiderazzjoni prinċipali:

"Smigħ ta' kawża jista' u għandu normalment u ġeneralment jiġi kondott oralment imma dan ma jeskludix li jista' jsir - anke esklussivament - bil-kitba u fiż-żminijiet tal-lum anke b'mezzi aktar avvanzati u moderni - b'mod li anke hekk ikun qed jiġi sodisfatt u assigurat il-jedd għal smigħ xieraq għal dak li hu l-aspett kostituzzjonali tiegħu. Dan ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tiddipensa għal kollox mit-trattazzjoni jew li ma tagħtix lill-kontendenti l-opportunita' sħiħa li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fil-limiti dettati mir-raġuni ... f'kull każ il-Qorti trid tassigura li l-proċeduri jkunu kondotti b'mod li l-kontendenti oġġettivament huma mistennija li jħossu li jkunu ngħataw smigħ xieraq. Ċertament dan ir-rekwiżit mhux sodisfatt meta l-Qorti mhux biss tagħti l-impressjoni lill-kontendenti li t-trattazzjoni fuq ċerti aspetti importanti u fondamentali tal-meritu tal-kawża mhix neċessarja jew mixtieqa minnha imma addirittura tindirizzahom biex jillimitaw is-sottomissjonijiet tagħhom **f'dak l-istadju** għall-punt partikolari tal-kawża u għal **dak biss** għax dak kien ser jiġi deċiż";

L-appellant f'din il-kawża - bħal fil-kawża tal-**Perit Mallia** *vs* **Onor. Prim Ministru** ukoll jissottometti illi f'kull każ ir-

rikorrent kellu r-rimedju ta' ritrattazzjoni illi seta' kien aċċessibbli għalih u seta' utilizza biex jirrettifika l-iżball tal-Qorti ta' l-Appell. F'dan ir-rigward ukoll japplikaw sa ċertu punt il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fil-kawża ċċitata bid-differenza *pero`* illi filwaqt li fil-kawża tal-Perit Mallia l-Qorti kkunsidrat jekk hiex possibbli li ssir ritrattazzjoni minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali - materja li hi ferm diskussa u fuqha l-ġurisprudenza għadha pjuttost negattiva - hawn si tratta ta' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li għaliha hemm indubbjament bħala regola miftuħ ir-rimedju ta' ritrattazzjoni. Dan paċifiku. Li mhux paċifiku hu jekk in-nuqqasijiet proċedurali li minnhom jilmenta r-rikorrent fil-kawża preżenti kinux tali li jinkwadraw ruħhom f'xi waħda mis-subinċiżi ta' l-artikolu 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u b'mod partikolari fis-subinċiż (1) ta' dak l-artikolu. Din il-Qorti diġa` kellha okkażjoni tikkummenta *obiter* fuq fatti analogi fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri** *vs* **Onor. Prim Ministru** deċiża fis-6 ta' April, 1995 fis-sens li ma jidhirx li r-rikorrent f'sitwazzjoni simili seta' jirrikorri għar-rimedju ta' *trattazzjoni* u li ma kienx tant ċar illi wieħed seta' jakkampa d-dritt għal dan ir-rimedju f'każ ta' żball jew irregolarita` ta' din ix-xorta taħt dan is-subinċiż (1) jew xi subinċiż ieħor ta' l-istess artikolu. Konsidrat li r-rimedju ta' ritrattazzjoni hu wieħed straordinarju u ta' strettissima interpretazzjoni, din il-Qorti ma jidhrilhiex li f'dan l-istat ta' inċertezza għandha tiddeklina milli teżerċita` l-poteri kostituzzjonali tagħha biex tassigura smigħ xieraq lir-rikorrent una volta ġie stabbilit li leżjoni ta' dan id-dritt kienet verament tokkorri, una volta mhux tant ċar jekk ir-rikorrent eżawriex jew le r-rimedji l-oħra miftuħa għalih taħt il-liġi ordinarja;

U la tirriżulta l-leżjoni tad-dritt, għandu jingħata r-rimedju li l-Qorti jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi. Hu veru illi mhux kull vjolazzjoni ta' dritt kostituzzjonali tista' tiġi rettifikata billi jiġi

annullat dak l-att li pprovoka l-leżjoni. Kif diġa' aċċennat *aliunde*, wieħed irid jikkonsidra l-assjem tal-proċeduri u kif dawn ġew kondotti biex wieħed jiddetermina jekk effettivament is-smigħ li ġie mogħti kienx wieħed xieraq u adegwat. Spiss l-att li jkun ipprovoka l-leżjoni jkollu finalita' li ma tkunx tista' tiġi revokata jew rettifikata jew li, jekk dan isir, tkun ser tiġi kkreata inġustizzja akbar mal-parti l-oħra li ħtija ma kellhiex. Fejn pero' *l-leżjoni tista'* tiġi rrimedjata billi jiġi annullat l-att li pprovokaha, u dan mingħajr dawn l-effetti negattivi ma hemmx raġuni għaliex il-Qorti m'għandhiex hekk tirrevokah b'mod li tpoġġi lill-partijiet fl-istess sitwazzjoni li kienu qabel avvera ruħu l-att li pprovoka l-leżjoni kostituzzjonali. Dan konsidrat ukoll illi din il-Qorti għandha diskrezzjoni sħiħa fl-għażla u fl-għoti ta' rimedju xieraq u opportun skond iċ-ċirkostanzi tal-każ. Hekk allura sewwa għamlet is-sentenza appellata illi rrevokat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li in effetti caħdet lill-appellat mid-dritt fondamentali tiegħu ta' smigħ xieraq. Is-sottomissjoni ta' l-appellanti Farrugia illi "ġaladarba huma ottenew il-pussess tal-fond huma m'għandhomx jiġu penallizzati għall-affarijiet li huma m'għandhom ebda ħtija għalihom", hi għal kollox insostenibbli. Apparti l-fatt li hu dover ta' kull ċittadin u allura anke tal-parti l-oħra in kawża illi jirribella kontra ksur ta' dritt fondamentali u li ma jostakolax li dan jiġi rettifikat, ċertament m'għandux jiġi suġġerit li xi parti in kawża tieħu vantaġġ mill-fatt illi bħala konsegwenza ta' tali leżjoni l-kontro-parti sokkombenti tkun ġiet imċaħda mill-jedd ta' smigħ xieraq;

Dan qed jingħad għax jirriżulta mill-atti illi l-appellanti Farrugia pproċedew għall-esekuzzjoni ġudizzjarja tas-sentenza inficċjata meta kienu jafu diġa' illi l-konvenut kien qed jattakka din is-sentenza bħala irregolari in kwantu leżiva tad-dritt fondamentali tiegħu u insistew fuq l-esekuzzjoni tagħha nonostante

l-opposizzjoni tiegħu. Huma allura kienu neċessarjament konxji tar-riskju reali li kienu qegħdin jieħdu f'każ li s-sentenza tiġi, kif fil-fatt qed tiġi, annullata;

Ir-rikorrent appella inċidentalment għax ħass ruħu hekk aggravat:

"Fost ir-rimedji ssuġġeriti mill-esponenti fir-rikors tiegħu kien hemm li l-Qorti "tiskwalifika lill-Onorevoli Mħallfin li taw dik is-sentenza milli jieħdu aktar konjizzjoni ta' dik il-kawża";

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet dan ir-rimedju billi, skond il-Qorti r-rimedju li l-esponent qiegħed jitlob kien immirat "pjuttost lejn żball li aktarx sar bi żvista" mill-Qorti;

Huwa anti-ġuridiku li tiddistingwi bejn vjolazzjonijiet dolużi ta' dritt kostituzzjonali u vjolazzjonijiet kolpużi. Il-leżjoni mhix dipendenti mill-intenzjoni jew *animus*, bħal fid-dritt kriminali, imma hija oġġettiva;

Anke kieku ma kienx hemm vjolazzjoni ta' dritt kostituzzjonali, huwa ripunjanti li l-istess ġudikanti li ġa' esprimew ruħhom fuq materja kontenzjuża, jerġgħu jesprimu ruħhom it-tieni darba fuq l-istess materja;

Aħseb u ara kemm huwa aċċettabbli li l-esponent jiġi ġġudikat mhux biss minn ġudikant li ġa' esprima ruħu formalment kontra tiegħu, imma, biex jesprimi ruħu kontra tiegħu wasal biex jivvjola d-drittijiet fondamentali tiegħu. Fil-każ ta' l-esponent mhux raġuni waħda hemm għaliex il-ġudikant għandu bil-fors jiġi skwalifikat, imma tnejn";

Anke fil-kawża ċċitata fl-ismijiet **Perit Mallia *vs* Onor. Prim Ministru** l-appellat kien issuġġerixxa l-istess rimedju - rimedju li ġie rrifjutat bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti u li minnha l-appellat appella quddiem din l-Onorabbli Qorti, u dan bl-istess motivazjonijiet. Din il-Qorti hekk iddeliberat f'dik is-sentenza:

"Il-Qorti ma tarax li hu l-każ li "tordna" lill-Imħallfin komponenti allura l-Qorti Kostituzzjonali (jew dak minhom li għad jista' hekk jagħmel u ċjoe` s-Sinjurija Tiegħu l-Imħallef Carmel A. Agius) li ma jiħux konjizzjoni ulterjuri tal-każ sa minn dan l-istadju. Tifhem li tali deċiżjoni għandha tittieħed fl-ewwel lok mill-istess Imħallef u kolleġġjalment mill-Qorti li minnha jifforma parti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti f'din is-sentenza u tal-konsiderazzjonijiet l-oħra li din l-istess Qorti għamlet f'kawżi oħra fosthom is-sentenza mogħtija llum, fil-kawża fl-ismijiet **Francesco Saverio Borg *vs* Direttur Ġenerali *et*** dwar is-smigħ xieraq minn Tribunal indipendenti u imparzjali anke fir-rigward ta' l-apparenza tal-proċeduri. Jibqgħu f'dan ir-rigward riservati d-drittjiet ta' l-attur *si et quatenus*";

Il-Qorti żżid biss illi diġa` ġie aċċennat f'diversi ġudikati fuq l-opportunita` li tiġi definita l-aċċessibbilita`, f'każi kongruwi ta' leżjoni ta' dritt fondamentali għal smigħ xieraq, għar-rimedju straordinarju ta' ritrattazzjoni maħsuba biex jovvja għall-inġustizzji gravi minħabba żbalji fi-proċeduri. Il-Kodiċi ta' Proċedura jipprovdi illi l-kawża tista' tiġi ritrattata mill-istess Imħallfin li kienu ġġudikaw il-meritu fl-ewwel lok. Infatti huma l-istess Imħallfin li għandhom jikkonsidraw it-talba għat-trattazzjoni mill-ġdid. Il-ġurisprudenza mbagħad evolviet u għadha qed tevolvi, fir-rigward ta' liema każijiet hu indikat illi dawn l-Imħallfin għandhom jastjenu jew jaċċettaw talba għar-rikuża tagħhom. Din il-Qorti ma tarax għaliex

x'għandhiex tkun din it-triq segwita anke f'każijiet tax-xorta li qed jiġu f'din is-sentenza kkunsidrati. Dan mhux biss għaliex l-Imħallef għandu jkun fl-ewwel lok l-arbitru ta' l-integrita' u indipendenza tal-ġudizzju tiegħu u għandu jkun preżunt li hu jaġixxi skond id-dettami tal-kuxjenza tiegħu u l-liġi, imma ukoll għaliex mhux eskluż li jokkorru ċirkostanzi fejn ikun proprju fl-interess tal-ġustizzja u tal-parti li d-dritt tagħha fondamentali għal smigħ xieraq ikun ġie vvjolat, illi l-każ jerġa' jiġi ttrattat proprju quddiem l-istess Imħallfin li jkunu diġa' ħadu konjizzjoni tal-kawża. Hu għalhekk li l-Qorti ma tqisx li għandha aprioristikament tiddekreta li teskludi - fi kliem ir-rikorrent tiskwalifika - lill-Imħallfin li diġa' semgħu l-kawża milli jisimgħu l-istess kawża mill-ġdid, u tirriserva lir-rikorrenti d-drittijiet tiegħu f'dan ir-rigward. Hu ċar illi d-dritt fondamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq jibqa' jippersisti tul il-proċeduri kollha sal-ġudizzju finali;

L-appellat appella ukoll inċidentalment fuq il-kap ta' l-ispejjeż, imma anke hawn il-Qorti hi tal-fehma illi għandha ssegwi l-konsiderazzjonijiet li għamlet fuq appell simili fil-kawża **Perit Mallia *vs* Onor. Prim Ministru**;

"Fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż, il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti u tifhem li l-ispejjeż ta' l-ewwel istanza għandhom ikunu, kif deċiż, irriservati għall-ġudizzju finali mill-Qorti Kostituzzjonali. Mhux il-każ li jiġi applikat il-prinċipju *error judicis error partis* għax dan ikun jaggrava inġustament lill-attur, pero' una volta si tratta sostanzjalment ta' inċident proċedurali waqt is-smigħ tal-kawża kostituzzjonali hu sewwa li tali responsabbilita' għall-ispejjeż tiġi ddeterminata mal-meritu";

L-ispejjeż ta' l-appell għandhom pero` jiġu ssopportati mill-appellant li pprovokah. L-appellant għandu jbati l-ispejjeż ta' l-appell inċidentali li ma jirriżultax sostnut;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad l-appell inċidentali, tiċħad l-appell prinċipali, l-ispejjeż tal-prim'istanza jibqgħu kif ġa` deċiżi, dawk ta' l-appell prinċipali jkun a karigu ta' l-appellanti, waqt li dawk ta' l-appell inċidentali jkunu a karigu ta' l-appellat.